

## **Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjet Virtwali**

### **Sessjoni 2**

**10.03.2023-12.03.2023**



Panel taċ-Ċittadini Ewropej  
**Dinjet virtwali**  
**Semma' Leħnek**

## **1. Ħarsa ġenerali**

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjet Virtwali jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju u jiltaqa' għal tliet sessjonijiet. Matul l-ewwel sessjoni, li saret bejn l-24 u s-26 ta' Frar 2023 fi Brussell, iċ-ċittadini saru midħla tas-suġġett u bnew viżjoni komuni ta' kif għandhom ikunu (utopija) u kif ma għandhomx ikunu (distopija) id-dinjet virtwali biex ikunu ġusti u kif mixtieqa. Abbażi ta' din il-ħidma, il-Kumitat tal-Għarfien tal-panel identifika erba' temi trasversali ta' interess għaż-ċittadini:

1. L-ekonomija, l-impiegji u n-negozji (inkluż l-apprendiment u l-ħiliet)
2. Is-sikurezza u s-sigurtà (il-kriminalità – iċ-ċibersigurtà; id-data u l-qasam digħiġi; is-sikurezza/sigurtà personali)
3. Is-saħħha u l-benesseri / L-ambjent (is-saħħha mentali u fiżika)
4. Is-soċjetà L-inklužività, l-aċċessibbiltà, id-demokrazija

It-tieni sessjoni tal-panel saret online mill-10 sat-12 ta' Marzu 2023. L-għan ta' din is-sessjoni kien li tibda l-ħidma fuq il-valuri u l-azzjonijiet li jistgħu jiggwidaw il-bini tad-dinjet virtwali Ewropej ġusti u mixtieqa. Dawn se jiffurmaw il-bażi tal-iżvilupp tar-rakkmandazzjonijiet finali tal-panel matul it-tielet u l-aħħar sessjoni.

### **L-ewwel jum (il-Ġimgħa)**

Nhar il-Ġimgħa, iċ-ċittadini ntlaqgħu f'plena rja virtwali fuq il-pjattaforma Hyperfair miż-żewġ moderaturi. Il-moderaturi mbagħad spiegaw liċ-ċittadini x'kienet tinkludi l-agħenda tas-Sessjoni 2 fil-qosor, qabel ma taw il-kelma lill-esperti għal kontribut dwar kull wieħed mill-erba' temi:

#### **Blokka tematika 1: L-ekonomija, l-impiegji u n-negozji (inkluż l-apprendiment u l-ħiliet)**

- **Harmen Van Sprang**, Alleanza tal-Bliet għall-Kondiżjoni (Sharing Cities Alliance)
- **Eric Marchiol**, Renault

#### **Blokka tematika 2: Is-sikurezza u s-sigurtà (il-kriminalità – iċ-ċibersigurtà; id-data u l-qasam digħiġi; is-sikurezza/sigurtà personali)**

- **Mariëtte van Huijstee**, I-Istitut Rathenau, in-Netherlands
- **Fabien Bénétou**, I-espert indipendent tal-WebXR, il-Belġju

#### **Blokka tematika 3: Is-saħħha u l-benesseri / L-ambjent (is-saħħha mentali u fiżika)**

- **Sara Lisa Vogl**, artista tar-realtà virtwali, in-Nisa fit-Teknoloġi Immersivi fl-Ewropa, id-Danimarka
- **Bruno Thomas**, il-Konsorċju Internazzjonali tal-Ġurnalisti Investigattivi

#### **Blokka tematika 4: Is-soċjetà L-inklužività, l-aċċessibbiltà, id-demokrazija**

- **Elisa Lironi**, is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni taċ-Ċittadini
- **Matthias C. Kettemann**, I-Istitut ta' Leibniz

Wara dawn il-kontributi, **Yvo Volman**, id-Direttur tad-Data tad-DG CONNECT ippreżenta d-Dikjarazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji digħiġi tal-UE liċ-ċittadini.

### **It-tieni jum (is-Sibt)**

Is-Sibt, permezz tal-interpretażżjoni simultanja u ffaċilitati minn faċilitaturi tal-esperjenza, iċ-ċittadini ħadmu ma' 12-il grupp ta' ħidma parallel. Matul **I-ewwel rawnd**, kull grupp ħadem fuq id-Dikjarazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipi diġitali tal-UE u identifika l-iktar tliet valuri importanti għalih. Matul **it-tieni rawnd**, kull blokk tematiku ġie assenjat lil tliet gruppi ta' ħidma li ntalbu jifformulaw sa tliet dominji ta' azzjonijiet li jistgħu jgħi biex jinkisbu d-dinjiet virtwali mixtieqa u ġusti. **Mit-tielet sal-ħames rawnds**, il-gruppi taw il-kontribut tagħhom dwar il-blokk tematiki l-oħra. Għal dan l-għan, faċilitatur ippreżenta l-punti ta' azzjoni mħejjija minn grupp preċedenti. Il-gruppi riċeventi mbagħad ġabar is-suġġerimenti, il-kummenti u l-mistoqsijiet dwar dawn il-punti ta' azzjoni għal siegħa, qabel ma għadda għal blokk tematiku ġdid.

#### **Skeda ta' rotazzjoni:**

	<b>Rawnd 1 (valuri)</b>	<b>Rawnd 2 (punti ta' azzjoni)</b>	<b>Rawnd 3 (kontributi 1)</b>	<b>Rawnd 4 (kontributi 2)</b>	<b>Rawnd 5 (kontributi 3)</b>
<b>Grupp 1</b>	Ġenerali	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija
<b>Grupp 2</b>	Ġenerali	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija
<b>Grupp 3</b>	Ġenerali	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija
<b>Grupp 4</b>	Ġenerali	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet
<b>Grupp 5</b>	Ġenerali	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet
<b>Grupp 6</b>	Ġenerali	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet
<b>Grupp 7</b>	Ġenerali	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità
<b>Grupp 8</b>	Ġenerali	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità
<b>Grupp 9</b>	Ġenerali	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità
<b>Grupp 10</b>	Ġenerali	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent
<b>Grupp 11</b>	Ġenerali	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent
<b>Grupp 12</b>	Ġenerali	Is-soċjetà: L-inklużività, l-aċċess, id-demokrazija	L-ekonomija; l-impiegji; in-negozju; l-apprendiment u l-ħiliet	Is-sikurezza u s-sigurtà; il-persuni; id-data; il-kriminalità	Is-saħħha; mentali u fiżika; l-ambjent

#### **It-tielet jum (il-Ħadd)**

Il-Ħadd filgħodu, il-gruppi rċevew il-kontributi li kienu nġabru s-Sibt, qabel ma ffinalizzaw il-valuri u d-dominji ta' azzjoni li kienu bdew jaħdmu fuqhom is-Sibt.

Wara pawża għall-kafè, iċ-ċittadini kollha nġabru fil-plenarja virtwali. L-ewwel nett, il-Viċi Direttur tad-DG CONNECT, Renate Nikolay, elabora iktar dwar l-isfond u l-ħidma li qed issir tal-Kummissjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Imbagħad, ir-rappreżentanti magħżula b'mod aleatorju ta' kull blokka tematika ippreżentaw il-punti ta' azzjoni tagħhom. Żewġ membri tal-Kumitat tal-Għarfien, Rehana Schwinniger-Ladak, il-Kap tal-Unità tad-DG CONNECT, u Frank Steinicke mid-Dipartiment tal-Informatika tal-Universitāt ta' Hamburg taw ir-reazzjoni tagħhom għal dawk il-punti. Ir-rimarki finali u t-tislima ngħataw mill-moderaturi ewlenin.

## 2. Aġenda fil-qosor

Il-Ġimgħa, l-10 ta' Marzu – PLENARJA	
02:10pm – 02:25pm	Merħba u rieżami tal-output tas-Sessjoni 1
02:25pm – 02:50pm	Tema diskussa: L-ekonomija, l-impjieg, in-negozju
02:50pm – 03:10pm	Pawża
03:00pm – 04:05pm	Tema diskussa: Is-sikurezza u s-sigurtà / Is-saħħha u l-benesseri / L-ambjent
04:05pm – 04:25pm	Pawża
04:25pm – 04:50pm	Tema diskussa: Is-soċjetà: l-inklużjoni u l-aċċess
04:50pm – 05:10 pm	Pawża
05:10 pm – 05:50pm	Preżentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji diġitali tal-UE
05:50pm – 6:10pm	Il-passi li jmiss u r-rimarki tal-għeluq

Is-Sibt, il-11 ta' Marzu – GRUPPI TA' ĦIDMA	
09:30am – 09:45am	Bini tal-gruppi/kulħadd isir jaf lil xulxin
09:45am – 10:45am	Blokka 1: Il-valuri ewlenin tagħna għad-dinjiet virtwali Ewropej
10:45am – 11:15am	Pawża
11:15am – 12:30pm	Blokka 2: Punti ta' azzjoni ewlenin għat-TEMA 1
12:30pm – 02:00pm	Pawża għall-ikla ta' waranofsinhar
02:00pm – 03:05pm	Blokka 3: Kontributi u punti ta' azzjoni għat-TEMA 2
03:05pm – 03:20pm	Pawża
03:20pm – 04:25pm	Blokka 4: Kontributi u punti ta' azzjoni għat-TEMA 3
04:25pm – 04:55pm	Pawża
04:55pm – 06:00pm	Blokka 5: Kontributi u punti ta' azzjoni għat-TEMA 4

Il-Ħadd, it-12 ta' Marzu – GRUPPI TA' ĦIDMA U PLENARJA	
	<b>Grupp ta' Ħidma</b>
09:30am – 09:50am	L-ispeċifikazzjoni tal-valuri għad-dinjiet virtwali tal-UE
09:50am – 10:50am	Il-konsolidazzjoni tal-punti ta' azzjoni
	<b>Plenarja</b>
11:05am – 11:25am	X'inhu d-DG CONNECT? Intervista ma' Renate Nikolay
11:25am – 11:35pm	Sħarriġiet tal-kontributi

11:35pm – 12:15pm	Preżentazzjoni u sessjoni tal-kontributi #1
12:15pm – 12:35pm	Pawża
12:35pm – 01:05pm	Preżentazzjoni u sessjoni tal-kontributi #2
01:05pm – 01:15pm	Il-valuri taċ-ċittadini Ewropej għall-metavers futur
01:15pm – 01:30pm	Konklużjoni u rimarki tal-ġeluq

### 3. Lista ta' persuni tar-riżorsi involuti fil-Kumitat tal-Għarfien

Matul it-tieni sessjoni, ipparteċipaw il-kelliema li ġejjin:

#### Il-Kummissjoni Ewropea:

1. **Gaëtane Ricard-Nihoul**, id-Deputat Kap tal-Unità, I-Unità tad-DIALOGU maċ-Ċittadini, il-Kummissjoni Ewropea
2. **Rehana Schwinninger-Ladak**, il-Kap tal-Unità, Teknoloġiji Interattivi, il-Qasam Diġitali għall-Kultura u l-Edukazzjoni, id-DG CONNECT, il-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu

#### Esterri:

1. **Fabien Bénétou**, l-espert indipendenti tal-WebXR, il-Belġju
2. **Cathrine Hasse**, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Aarhus, id-Danimarka
3. **Frank Steinicke**, id-Dipartiment tal-Informatika tal-Università ta' Hamburg, il-Ġermanja
4. **Mariëtte van Huijstee**, l-Istitut Rathenau, in-Netherlands
5. **Sara Lisa Vogl**, artista tar-realtà virtwali, in-Nisa fit-Teknoloġiji Immersivi fl-Ewropa, id-Danimarka